



Commission
européenne



Il-Ftehim SPJEGAT dwar il-Ħruġ bejn I-UE u r-Renju Unit



“


Innegozjajna mar-Renju Unit
qatt kontra r-Renju Unit.

Dan il-ftehim huwa pass neċessarju
biex tinbena l-fiduċja bejn ir-Renju Unit
u l-UE. Jenġtiegħ li nibnu, fil-fażi li jmiss,
sħubija bla preċedent u ambizzjuża.

Ir-Renju Unit se jibqa' l-ħabib, is-sieħeb
u l-allejat tagħna.

”

*Michel Barnier, il-Kap Negozjatur tal-
Kummissjoni Ewropea,
fil-Laqqgħa Straordinarja tal-Kunsill
Ewropew (Artikolu 50), il-25 ta' Novembru
2018*



Commission européenne |
European Commission

X' INHU L-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ?

Ir-Renju Unit se joħroġ mill-UE f'nofsillejl fid-29 ta' Marzu 2019.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżgura li dan isir
b'**mod ordinat**.



L-Artikolu 50.2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea:

L-Istat Membru li jiddeċiedi li joħroġ għandu jinnotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu.

Fid-dawl tal-linji gwida provduti mill-Kunsill Ewropew, l-Unjoni għandha tinnegozja u tikkonkludi ma' dak l-Istat **ftehim** li jstabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu, filwaqt li jittieħed kont tal-**qafas tar-relazzjonijiet futuri tiegħu** mal-Unjoni. [...]"

KRONOLOĠĠJA TA' AVVENIMENTI EWLENIN

id-29 ta'
Marzu 2017

id-19 ta'
Ġunju 2017

it-8 ta'
Diċembru
2017

id-19 ta'
Marzu
2018

id-19 ta' Ġunju
2018

l-14 ta'
Novembru
2018

il-25 ta'
Novembru 2018

Notifika ta' ħruġ

Bidu tan-
Negozjati

Rapport
Konġunt

Abbozz
Ftehim dwar il-
Ħruġ

Dikjarazzjoni
Konġunta



Iffinalizzat
Ftehim dwar
il-Ħruġ

Il-PM Theresa May tinnotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea

Huma l-ewwel jindirizzaw tliet kwistjonijiet ewlenin ta' ħruġ: **id-drittijiet taċ-ċittadini, is-saldu finanzjarju**, u kif tiġi evitata fruntiera fiżika fuq il-**gżira tal-Irlanda**.

Dan jistabbilixxi l-oqsma ta' ftehim fuq it-tliet kwistjonijiet ta' ħruġ u **kwistjonijiet oħra ta' separazzjoni**.

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew (Artikolu 50) biex jiġi konkluż li sar biżżejjed progress fl-ewwel fażi tan-negozjati

Dan l-abbozz **jissarraff f'termini legali** tar-Rapport Konġunt ta' Diċembru. Dan jenfasizza oqsma ta' qbil u nuqqas ta' qbil.

Dan jispjega **aktar progress** fil-livell tan-negozjaturi.

In-negozjaturi jilħqu ftehim Il-Kummissjoni Ewropea tirrakkomanda lill-Kunsill Ewropew isib li jkun sar progress deċiżiv, li jippermetti li jiġu konklużi n-negozjati.

Dikjarazzjoni
Politika

Il-mexxejja tal-UE japprovaw il-Ftehim dwar il-Ħruġ u jadottaw id-Dikjarazzjoni dwar il-Qafas tar-Relazzjoni Futura.

Passi biex jiġi konkluż il-Ftehim

il-Kunsill
Ewropew
(Art. 50)

Japprova l-
Ftehim dwar il-
Fruġ

Il-Kummissjoni
Ewropea

**Tipproponi lill-
Kunsill** biex
jawtorizza l-
iffirmar u
biex jikkonkludi
l-Ftehim dwar il-
Fruġ

il-Kunsill
(Art. 50)

**Jawtorizza l-
iffirmar** tal-
Ftehim dwar il-
Fruġ u **jirreferi
għall-
Parlament
Ewropew** għall-
proċedura ta'
approvazzjoni

Il-Parlament
Ewropew

**Proċedura ta'
approvazzjoni**

il-Kunsill
(Art. 50)

**Jikkonkludi l-
Ftehim** dwar il-
Fruġ

**it-30 ta' Marzu
2019**

**Fil-00:00 CET,
ir-Renju Unit
isir pajjiż terz.
Jibda l-perjodu
ta' tranżizzjoni.**

Ir-Renju Unit jirratifika l-Ftehim dwar il-Fruġ
skont il-kundizzjonijiet kostituzzjonali tiegħu.

Il-prijoritajiet tal-UE fin-negozjati tal-Brexit

kif spjegati fil-linji gwida tal-Kunsill Ewropew (Art. 50)
tad-29 ta' April u l-15 ta' Diċembru 2017

"L-għan ġenerali tal-Unjoni f'dawn in-negozjati se jkun li jiġu ppreservati l-interessi tagħha, dawk taċ-ċittadini tagħha, in-negozji tagħha u l-Istati Membri tagħha"

Approċċ b'diversi fażijiet
li jiżgura ħruġ ordnat

Il-protezzjoni **taċ-ċittadini** li bnew ħajjithom abbażi tad-drittijiet li ġejjin mis-sħubija tar-Renju Unit fl-UE

L-iżgurar li kemm l-Unjoni kif ukoll ir-Renju Unit jirrispettaw **l-obbligi finanzjarji** li jirriżultaw mill-perjodu sħiħ tal-isħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni

Il-kontinwazzjoni tal-appoġġ lejn l-għan tal-paċi u r-rikonċiljazzjoni
imnaqqxa fil-**Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira**,
u tal-appoġġ u tal-ħarsien tal-kisbiet,
benefiċċji u impenji tal-
proċess tal-paċi fuq il-gżira tal-Irlanda

PROĊESS INKLUŻIV U TRASPARENTI



FLIMKIEN MAL-Istati Membri UE27 u l-Parlament Ewropew:

Il-Ftehim ġie nnegozjat **fid-dawl tal-linji gwida tal-Kunsill Ewropew (Art 50)**. Saru laqgħat regolari mas-27 Stat Membru tal-UE f'livelli differenti, u mal-**Grupp ta' Tmexxija dwar il-Brexit tal-Parlament Ewropew**.



Smigħ attiv:

L-input addizzjonali mill-**korpi konsultattivi tal-UE** u mill-**partijiet ikkonċernati** għen biex tinġabar l-evidenza.



Trasparenza mingħajr preċedent:

Id-dokumenti kollha kondiviżi mal-Istati Membri tal-UE, mal-Kunsill, mal-Parlament Ewropew u mar-Renju Unit **ġew ippubblikati**, hekk kif kienu l-linji gwida, d-dokumenti li jiddefinixxu l-pożizzjonijiet ta' negozjar tal-UE, u dokumenti rilevanti oħra.

Michel Barnier ta' spiss żar l-Istati Membri tal-UE 27 għal diskussjonijiet mal-gvernijiet, il-parlamenti, is-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati.

OQSMA EWLENIN INKLUŻI FIL-FTEHIM DWAR IL-#RUĠ (1/2)



Dispożizzjonijiet komuni (Parti I)

- ▶ Jiġu stabbiliti klawżoli trażversali għall-fehim u t-tħaddim tajjeb tal-Ftehim dwar il-#ruġ.



Drittijiet taċ-ċittadini (Parti II)

- ▶ Il-#arsien tal-għażliet tal-#ajja ta' aktar minn tliet miljun ċittadin tal-UE fir-Renju Unit, u aktar minn miljun ċittadin tar-Renju Unit fil-pajjiżi tal-UE, is-salvagwardjar tad-dritt tagħhom li jgħixu, jaħdmu jew jistudjaw f'pajjiżhom ospitanti.



Kwistjonijiet ta' separazzjoni (Parti III)

- ▶ L-iżgurar ta' #ruġ ordnat, b'mod partikolari permezz ta' stralċ bla xkiel tal-proċeduri u l-arranġamenti li għaddejjin applikabbli fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.



Tranżizzjoni (Parti IV)

- ▶ Il-provvista għal perjodu ta' tranżizzjoni, sal-aħħar tal-2020, li jista' jiġi estiż darba, sa sena jew sentejn.
- ▶ L-iżgurar tal-applikazzjoni kontinwa tal-liġi tal-UE fir-Renju Unit u għar-Renju Unit matul dak il-perjodu (iżda mingħajr il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fl-istituzzjonijiet u fl-istrutturi ta' governanza tal-UE)
- ▶ Il-provvista ta' aktar żmien għall-amministrazzjonijiet, in-negozji u ċ-ċittadini biex jadattaw ruħhom.



Saldu finanzjarju (Parti V)

- ▶ L-iżgurar li r-Renju Unit u l-UE jonoraw l-obbligi finanzjarji kollha li ttieħdu konġuntament waqt li r-Renju Unit kien Stat Membru.

OQSMA EWLENIN INKLUŻI FIL-FTEHIM DWAR IL-#RUG (2/2)



Governanza (Parti VI)

- ▶ L-iżgurar tal-ġestjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-ftehim, inkluż mekkaniżmu effettiv għas-soluzzjoni tat-tilwim.



Protokoll dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovrana (SBAs) f'Ċipru

- ▶ Il-ħarsien tal-interessi taċ-Ċiprijotti li jgħixu u jaħdmu fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana.



Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq

- ▶ L-ebda fruntiera fiżika bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq.
- ▶ Ebda tnaqqis tad-drittijiet stabbiliti fil-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira (il-Ftehim ta' Belfast) 1998. Il-kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar tkun imħarsa.
- ▶ Il-kontinwazzjoni tal-arranġamenti taż-Żona Komuni għall-lvvjaġġar bejn l-Irlanda u r-Renju Unit, u l-preservazzjoni tas-Suq Uniku tal-Elettriku



Protokoll dwar Ġibiltà

- ▶ Il-provvediment ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn Spanja u r-Renju Unit fir-rigward ta' Ġibiltà f'għadd ta' oqsma ta' politika matul il-perjodu ta' tranżizzjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-parti tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-Ftehim dwar il-#Rug.

Parti I: DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

▶ Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Ħruġ irid **ikollhom l-istess effetti legali fir-Renju Unit bħal fl-UE u fl-Istati Membri tagħha.**

▶ Il-qrati tar-Renju Unit iridu jinterpretaw b'mod konsistenti **l-każistika tal-QtĠ-UE** sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u jqisu kif xieraq il-każistika tal-QtĠ-UE mogħtija wara dik id-data.

▶ **Supremazija:** L-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi tar-Renju Unit għandhom is-setgħa li **ma japplikawx kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali inkonsistenti jew inkompatibbli.**

▶ **Effett dirett:** il-partijiet ikkonċernati jistgħu jinvokaw il-Ftehim dwar il-Ħruġ direttament quddiem il-qrati nazzjonali, kemm fir-Renju Unit kif ukoll fl-Istati Membri tal-UE.

▶ Ir-referenzi għal-liġi tal-Unjoni fil-Ftehim dwar il-Ħruġ għandhom jinftehm u bħala li **jinkludu leġiżlazzjoni ġdida jew emendi li jidħlu fis-seħħ matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.**

Parti II: DRITTIJJET TA' ĊITTADINI

II-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ jissalvagwardja id-drittijiet ta' residenza ta' aktar minn tliet miljun ċittadin tal-UE fir-Renju Unit u aktar minn miljun ċittadin tar-Renju Unit fil-pajjiżi tal-UE.



Kamp ta' applikazzjoni personali: Min huwa kopert?

Iċ-ċittadini tal-UE li kienu jirrisjedu fir-Renju Unit u ċ-ċittadini tar-Renju Unit li kienu jirrisjedu f'wieħed mis-27 Stat Membru fl-aħħar tal-perjodu ta' tranżizzjoni, fejn it-tali residenza hija f'konformità mal-liġi tal-UE dwar il-moviment liberu.

Il-membri tal-familja li jingħataw drittijiet skont il-liġi tal-UE (konjuġi attwali u sħab reġistrati, ġenituri, nanniet, tfal, neputijiet u persuna f'relazzjoni dejjiema eżistenti), li għadhom ma jgħixux fl-istess stat ospitanti bħal ċittadin tal-UE jew ċittadin tar-Renju Unit se jkunu jistgħu jingħaqdu magħhom fil-futur.

It-tfal huma protetti, kull fejn jitwiellu, qabel jew wara l-ħruġ tar-Renju Unit.

Il-ħaddiema tal-fruntiera u l-persuni li jaħdmu għal rashom fuq il-fruntiera huma protetti wkoll fil-pajjiżi fejn jaħdmu.

Liema drittijiet huma protetti?

Iċ-ċittadini tal-UE u ċ-ċittadini tar-Renju Unit, kif ukoll il-membri tal-familja tagħhom jistgħu jkomplu jgħixu, jaħdmu jew jistudjaw fil-pajjiż ospitanti tagħhom.

Drittijiet ta' residenza

- ▶ Il-kundizzjonijiet sostantivi ta' residenza huma l-istess bħal dawk taħt il-liġi attwali tal-UE dwar il-moviment liberu.

Sigurtà soċjali

- ▶ Il-persuni kkonċernati se jżommu d-dritt tagħhom għal kura tas-saħħa, pensjonijiet u benefiċċji oħra tas-sigurtà soċjali, u jekk huma intitolati għal benefiċċju fi flus minn pajjiż wieħed, se jkunu bħala regola jkunu jistgħu jirċevuh anke jekk jiddeċiedu li jgħixu f'pajjiż ieħor.


Huma jibbenefikaw ukoll b'mod sħiħ mill-projbizzjoni ta' kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità u d-dritt għal trattament ugwali meta mqabbla ma' ċittadini tal-istat ospitanti.

Ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom


- ▶ Dawk koperti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ se jkollhom id-dritt li jibdeu impjeg jew li jwettqu attività ekonomika bħall-persuni li jaħdmu għal rashom. Se jżommu wkoll id-drittijiet kollha tagħhom ta' ħaddiema fuq il-bażi tal-liġi tal-UE.
- ▶ Il-Ftehim jipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema tal-fruntiera jew ta' dawk li jaħdmu għal rashom fuq il-fruntiera fil-pajjiżi fejn jaħdmu.

Kwalifiki professjonali

- ▶ Id-deċiżjonijiet tal-passat mir-Renju Unit jew l-Istati Membri tal-UE biex jiġu rikonoxxuti l-kwalifiki professjonali ta' dawk koperti mill-Ftehim se jibqgħu validi. Il-proċeduri ta' rikonoxximent pendent se jiġu ffinalizzati u rispettati.



Iċ-ċittadini tal-UE fir-Renju Unit u ċ-ċittadini tar-Renju Unit fl-UE




Iċ-ċifri użati huma stimi bbażati fuq id-*data* tar-Renju Unit (ONS, 2015) jew id-*data* tan-NU (Nazzjonijiet Uniti, 2015). In-numri attwali jistgħu jvarjaw.

Proċeduri applikabbli

Sistema Kostituttiva:

Hija meħtieġa applikazzjoni obbligatorja bħala kundizzjoni għat-tgawdija tad-drittijiet skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Li għandha tiġi applikata mir-Renju Unit u l-Istati Membri tal-UE li jagħżlu li jagħmlu dan



Sistema dikjaratorja:

Dawk li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet awtomatikament isiru benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Li għandha tiġi applikata mill-Istati Membri tal-UE li jagħżlu li jagħmlu dan

→ Proċeduri amministrattivi sempliċi u bla xkiel

→ Il-kostijiet amministrattivi ma jridux jeċċedu dawk imposti fuq iċ-ċittadini għall-ħruġ ta' dokumenti simili.

Dawk li diġà għandhom dokument ta' residenza permanenti jistgħu jiskambjawh bla ħlas.

Implimentazzjoni u monitoraġġ

It-test tal-Ftehim dwar il-Ħruġ dwar id-drittijiet taċ-ċittadini **jista' jintuża direttament** miċ-ċittadini tal-UE fil-qrati tar-Renju Unit u miċ-ċittadini tar-Renju Unit fil-qrati tal-Istati Membri tal-UE.

Il-qrati tar-Renju Unit jistgħu **jitolbu għal deċiżjonijiet preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE** dwar l-interpretazzjoni tal-parti taċ-ċittadini tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għal **tmien snin** wara t-tmien tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Għal mistoqsijiet relatati mal-applikazzjoni għall-istatus ta' stabbilit tar-Renju Unit, dak il-perjodu ta' tmien snin se jibda jiddekorri mit-30 ta' Marzu 2019.

L-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini fl-UE se jiġu ssorveljati mill-Kummissjoni Ewropea, u mir-Renju Unit permezz ta' awtorità nazzjonali indipendenti.

Parti III: IL-KWISTJONIJIET MARBUTA MAS-SEPARAZZJONI

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprovdi l-provvedimenti dettaljati meħtieġa dwar l-istralċ ta' proċessi u arranġamenti għaddejjin relatati ma':

OĠĠETTI MQIEGĦDA FIS-SUQ

MOVIMENT KONTINWU TA' OĠĠETTI (DWANA)

PROTEZZJONI TAD-DRITTIJET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI

KOPERAZZJONI TAL-PULIZIJA U ĠUDIZZJARJA
LI GĦADHA GĦADDEJJA F'MATERJI KRIMINALI

KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA LI GĦADA GĦADDEJJA
F'MATERJI ĊIVILI U KUMMERĊJALI

DATA U INFORMAZZJONI SKAMBJATI QABEL IT-TMIEM TAT-TRANŻIZZJONI

AKKWIST PUBBLIKU LI GĦADU GĦADDEJ

EURATOM

PROĊEDURI ĠUDIZZJARJI U AMMINISTRATTIVI LI GĦADHOM GĦADDEJJIN

IL-FUNZJONAMENT TAL-ISTITUZZJONIJIET, TAL-AĠENZIJI U L-KORPI TAL-UE



OĠĠETTI MQIEGĦDA FIS-SUQ

L-oġġetti mqiegħda legalment fis-suq fl-UE jew fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jistgħu jkomplu jiċċirkolaw b'mod ħieles, mingħajr ebda ħtieġa għal modifiki tal-prodott jew tikkettar mill-ġdid.

L-oġġetti fil-katina tad-distribuzzjoni fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni:



ikunu jistgħu **jilħqu lill-utenti finali tagħhom** mingħajr ma jkollhom jikkonformaw ma' kwalunkwe rekwiżit addizzjonali tal-prodott; jistgħu **jiddaħħlu fis-servizz** ukoll.



se jkunu soġġetta għal **sorveljanza kontinwa mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri u tar-Renju Unit.**



Eċċezzjoni: moviment ta' animali ħajjin u prodotti mill-animali

Minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, dawn se jkunu soġġetti għar-regoli applikabbli dwar l-importazzjonijiet u l-kontrolli sanitari fuq il-fruntiera, irrispettivament minn meta tqiegħdu fis-suq.



MOVIMENTI LI GĦADDEJJIN TA' OĠĠETTI MINN PERSPETTIVA DOGANALI



Għall-finijiet doganali, ta' VAT u sisa, il-movimenti ta' oġġetti li **jibdew** qabel l-aħħar tal-perjodu ta' tranżizzjoni se jitħallew iwettqu l-moviment tagħhom **skont ir-regoli tal-UE**.



Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, **ir-regoli tal-UE se jkomplu japplikaw għal tranżazzjonijiet transfruntiera li bdew qabel il-perjodu ta' tranżizzjoni** f'termini ta' drittijiet u obbligi tal-VAT għal persuni taxxabli, bħal obbligi ta' rapportar, ħlas u rifiżjoni tal-VAT.



PROTEZZJONI TAD-DRITTIJIET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI



Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali unitarja tal-UE eżistenti (marki kummerċjali, drittijiet tad-disinn, drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti, eċċ.) se jkomplu jiġu protetti fir-Renju Unit.

Id-drittijiet kollha se jiġu protetti mir-Renju Unit bħala **drittijiet nazzjonali ta' proprjetà intellettwali**. Il-konverżjoni tad-dritt tal-UE fi dritt tar-Renju Unit se tkun **awtomatika**, bla ebda rieżami, u **bla ħlas**.

Il-kategoriji kollha tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-UE jibqgħu protetti

Il-lista sħiħa ta' indikazzjonijiet ġeografiċi eżistenti approvati mill-UE se tkun legalment protetta mill-Ftehim dwar il-Ħruġ — sakemm u ħlief jekk jiġi konkluż ftehim ġdid dwar ir-relazzjoni futura.

Ir-Renju Unit se jiggarrantixxi **mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni** għall-istokk eżistenti ta' indikazzjonijiet ġeografiċi. Din il-protezzjoni se tkun infurzata permezz ta' leġiżlazzjoni domestika tar-Renju Unit.

L-indikazzjonijiet ġeografiċi approvati mill-UE li jkollhom ismijiet ta' oriġini mir-Renju Unit (**eż. Welsh Lamb, Scotch Whisky**) se jibqgħu jiġu protetti fl-UE.



KOPERAZZJONI TAL-PULIZIJA U ĠUDIZZJARJA LI GĦADHA GĦADDEJJA F'MATERJI KRIMINALI

Il-proċedimenti tal-pulizija u ġudizzjarji tar-Renju Unit li għadhom għaddejjin fi kwistjonijiet kriminali se jitlestew skont ir-regoli applikabbli tal-UE.



* Għall-Mandat ta' Arrest Ewropew, ara r-regoli applikabbli matul it-tranżizzjoni


Dan kif se jaħdem fil-prattika?

Persuna arrestata mir-Renju Unit fuq il-bażi tal-**Mandat ta' Arrest Ewropew** se tiġi ċeduta lill-Istat Membru li kien qed ifittex din il-persuna.

Bl-istess mod, skwadra ta' investigazzjoni konġunta mwaqqfa mir-Renju Unit u Stati Membri oħra se tkompli l-investigazzjonijiet tagħha.

Jekk awtorità minn Stat Membru tal-UE tirċievi **talba mir-Renju Unit biex tikkonfiska rikavat minn attività kriminali** qabel ma jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, dan jiġi eżegwit skont ir-regoli applikabbli tal-UE.

KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA LI GĦADA GĦADDEJJA F'MATERJI ĊIVILI U KUMMERĊJALI



Il-liġi tal-UE fi kwistjonijiet ċivili transfruntiera se tkompli tapplika għal proċedimenti legali li bdew qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

Il-liġi tal-UE dwar ir-rikonnoxximent u l-infurzar ta' sentenzi se tkompli tapplika f'dawn il-każijiet.

Kif se jiġu trattati il-proċedimenti ġudizzjarji bejn il-kumpaniji wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni?

Fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ikun hemm tilwima pendenti bejn kumpanija Olandiża u kumpanija mir-Renju Unit quddiem qorti tar-Renju Unit:

Il-Qorti tar-Renju Unit tibqa' kompetenti għas-smiġħ ta' dik il-kawża fuq il-bażi tal-liġi tal-UE.

Fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kumpanija tkun fi proċedimenti legali kontra kumpanija mir-Renju Unit quddiem qorti Franċiża:

Id-dritt tal-UE dwar ir-rikonnoxximent u l-infurzar ta' sentenzi jkompli japplika **fir-Renju Unit** għas-sentenza tal-qorti Franċiża.

DATA U INFORMAZZJONI SKAMBJATI QABEL IT-TMIEM TAT-TRANŻIZZJONI


Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit se **jkompli japplika r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data għall-"istokk tad-data personali" kurrenti**, sakemm ir-Renju Unit, permezz ta' **deċiżjoni ta' adegwatezza**, jistabbilixxi li r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit jipprovdu salvagwardji li huma ekwivalenti essenzjalment għal dawk fl-UE.



**Regoli dwar il-protezzjoni tad-data
sad-deċiżjoni ta' adegwatezza**



AKKWIST PUBBLIKU LI GĦADU GĦADDEJ



Il-proċeduri ta' akkwist pubbliku pendent qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jitlestew skont l-**istess regoli proċedurali u sostantivi**, f'konformità mal-liġi tal-UE.





EURATOM

Ir-Renju Unit huwa kompletament responsabbli għas-**salvagwardji nukleari tiegħu** u huwa impenjat għal reġim futur li jipprovdi kopertura u effikaċja **ekwivalenti għall-arranġamenti eżistenti tal-Euratom.**

Trasferiment ta' sjieda ta' tagħmir tar-Renju Unit u proprjetà oħra relatata ma' salvagwardji mill-Euratom għar-Renju Unit.

L-UE se tiġi **kkumpensata** skont il-valur kontabilistiku

Il-ftehimiet internazzjonali tal-Euratom mhux se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit.

Ir-Renju Unit jeħtieġ jimpenja ruħu ma' sħab internazzjonali f'dak il-kuntest.

Id-dritt ta' proprjetà ta' **Materjal Fissili Speċjali** miżmum fir-Renju Unit minn entitajiet tar-Renju Unit se jiġi ttrasferit mill-Euratom lir-Renju Unit. Għal materjal miżmum fir-Renju Unit minn intrapriżi tal-UE-27, il-Euratom se żżomm id-dritt li tapprova bejgħ jew trasferiment

fil-futur



Ir-responsabbiltà aħħarija għall-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv tibqa' tal-Istat fejn ġiet prodotta, f'konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali u l-leġiżlazzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

PROĊEDURI ĠUDIZZJARJI LI GĦADHOM GĦADDEJJIN

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) se tibqa' kompetenti

għall-proċeduri ġudizzjarji kollha rreġistrati qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Dawk il-proċeduri għandhom ikomplu sakemm tingħata sentenza finali u vinkolanti skont ir-regoli tal-Unjoni, inkluż kwalunkwe appell jew riferiment.

Dan jippermetti għall-każijiet pendenti jiġu fi tmiemhom b'mod ordnat.

ERBA' SNIN



Il-kawżi ta' ksur kontra r-Renju Unit jistgħu jittressqu quddiem il-QtĠ-UE għal erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Dawn jistgħu jikkonċernaw ksur tal-liġi tal-UE jew nuqqas ta' konformità mad-deċiżjonijiet amministrattivi tal-UE qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni jew, f'xi każijiet, anki wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.



Il-ġurisdizzjoni tal-QtĠ-UE għal dawn il-kawżi ġodda hija konsistenti mal-prinċipju li t-terminazzjoni tat-Trattat ma taffettwa l-ebda dritt, obbligu jew sitwazzjoni legali tal-partijiet maħluqa qabel it-terminazzjoni tiegħu.

Dan jiżgura **ċertezza tad-dritt u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni** bejn l-Istati Membri tal-UE u r-Renju Unit, fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li jsejtnu meta r-Renju Unit kien taħt l-obbligi tad-dritt tal-UE.



PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI LI GĦADHOM GĦADDEJJIN



Il-proċeduri amministrattivi kollha pendententi fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu jiġu ttrattati skont ir-regoli tal-UE.

Matul it-tranżizzjoni, **ir-Renju Unit jibqa' marbut bis-sħiħ bil-liġi tal-UE. Għalhekk**, jenħtieġ li jiġu żgurati l-konformità mal-liġi tal-UE u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni mal-Istati Membri l-oħra.

- ▶ Dan jikkonċerna proċeduri dwar kwistjonijiet bħall-kompetizzjoni u l-għajnuna mill-Istat, li nbdeu qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni minn istituzzjonijiet, uffiċċji u aġenziji tal-UE, u li jikkonċernaw lir-Renju Unit jew lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi tar-Renju Unit.
- ▶ **KAŻIJIET ĠODDA** jistgħu jitressqu għal perjodu ta' erba' snin wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni fir-rigward ta':
- ▶ **Każijiet ta' għajnuna mill-Istat** relatati ma' għajnuna mogħtija qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni; kif ukoll
- ▶ **Investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)** għal fatti li seħħew qabel tmiem it-tranżizzjoni, jew għal dejn doganali li jirriżulta wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.



IL-FUNZJONAMENT TAL-ISTITUZZJONIJIET, TAL-AĠENZIJI U L-KORPI TAL-UNJONI



Il-privileġġi u l-immunitajiet attwali tal-UE se jibqgħu għal attivitajiet li seħħew qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Iż-żewġ partijiet se jkomplu jiżguraw **il-konformità mal-obbligi tas-segretezza professjonali**. L-informazzjoni klassifikata u d-dokumenti l-oħra miksuba waqt li r-Renju Unit kien għadu Stat Membru jenħtieġ li żżomm **l-istess livell ta' protezzjoni** bħal qabel it-tmiem tal-perjodu ta' trażizzjoni.



Parti IV: TRANŻIZZJONI

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-liġi tal-UE tkompli tapplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit.

L-UE se tittratta r-Renju Unit qisu kien Stat Membru, bl-eċċezzjoni tal-parteċipazzjoni fl-istituzzjonijiet tal-UE u l-istrutturi ta' governanza.

Il-perjodu ta' tranżizzjoni se jipprovdi żmien lill-amministrazzjonijiet, innegozji u ċ-ċittadini biex jadattaw.

U se jipprovdi wkoll lill-UE u lir-Renju Unit b'biżżejjed żmien biex **jinnegozjaw ir-relazzjoni futura.**



Durata:
mill-31 ta' Marzu 2019
sal-31 ta' Diċembru 2020

Dan iqis ir-rikjesta tar-Renju Unit (madwar sentejn), u jikkoinċidi mal-perjodu baġitarju kurrenti tal-UE (il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020).

X'jiġri matul il-perjodu ta' tranżizzjoni?

Il-liġi tal-UE se tkompli tapplika

għar-Renju Unit u fir-Renju Unit bħallikieku kien Stat Membru

Ir-Renju Unit jibqa' fl-Unjoni Doganali tal-UE u s-Suq Uniku

bl-erba' libertajiet, u bil-politiki kollha tal-UE.

Ir-Renju Unit jibqa' marbut bl-obbligi

li jirriżultaw mill-ftehimiet internazzjonali tal-UE kollha.

Fil-qasam tal-kummerċ, dan ifisser li pajjiżi terzi jkollhom l-istess livell ta' aċċess għas-suq tar-Renju Unit. Ir-Renju Unit ma jistax japplika ftehimiet ġodda f'oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-UE, sakemm ma jkunux awtorizzati mill-UE.

Ir-Renju Unit ma għadux rappreżentat fl-istituzzjonijiet, l-aġenziji jew il-korpi tal-UE

Estensjoni possibbli tal-perjodu ta' tranżizzjoni

<i>Jista' jiġi estiż darba biss</i>
<i>Irid jiġi deċiż qabel l-1 ta' Lulju 2020</i>
<i>Bi ftehim reċiproku bejn l-UE u r-Renju Unit</i>
<i>Sa sena jew sentejn</i>

Matul estensjoni possibbli ta' tranżizzjoni, minn Jannar 2021 ir-Renju Unit mhux se jipparteċipa aktar fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali: se jkun biss possibbli għalih li jipparteċipa fi programmi tal-UE bħala pajjiż terz

L-estensjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni se tirrikjedi **kontribuzzjoni finanzjarja xierqa mir-Renju Unit għall-baġit tal-UE**, li għandha tiġi deċiża mill-Kumitat Konġunt.

Il-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fil-politiki esteri u ta' difiża tal-UE matul il-perjodu ta' tranżizzjoni

Il-politika Estera u ta' Sigurtà Komuni se tapplika għar-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

B'mod partikolari, ir-Renju Unit se jimplementa r-reġimi tas-sanzjonijiet tal-UE u jappoġġa d-dikjarazzjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

▶ Ir-Renju Unit jista' jipparteċipa f'operazzjonijiet militari u missjonijiet ċivili tal-UE stabbiliti skont il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), iżda mingħajr ebda kapaċità ta' tmexxija.

Ir-Renju Unit se jkollu l-possibbiltà li jipparteċipa fi proġetti tal-Aġenzija tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, inkluża l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, iżda mingħajr ma jkollu ebda rwol ta' teħid ta' deċiżjonijiet.



Pereżempju, il-kwartieri ġenerali tal-operazzjoni militari tal-UE kontra l-piraterija, **EU NAVFOR Somalia (Operazzjoni ATALANTA)**, ġew ittrasferiti minn Northwood, ir-Renju Unit, għal Rota, Spanja.

Il-parteeċipazzjoni tar-Renju Unit fil-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni matul il-perjodu ta' tranżizzjoni

Il-politika tal-UE dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni se tkompli tapplika għar-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Mandat ta' Arrest Ewropew

Il-Mandat ta' Arrest Ewropew se jkun japplika, iżda Stat Membru jista' jirrifjuta li jċedi ċ-ċittadini tiegħu lir-Renju Unit fid-dawl tal-prinċipji fundamentali tal-liġi nazzjonali tiegħu (Art. 185 tal-Ftehim dwar il-Fluġ).

Id-dritt tar-Renju Unit għal PARTEĊIPAZZJONI JEW NONPARTEĊIPAZZJONI

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit mhux se jkollu d-dritt li jipparteċipa f'miżuri kompletament ġodda.

Madankollu, l-UE tista' tistieden lir-Renju Unit jikkoopera fir-rigward ta' miżuri ġodda bħal dawn, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Ir-Renju Unit jista' jagħżel li jeżerċita d-dritt tiegħu ta' parteċipazzjoni / nonparteċipazzjoni fir-rigward ta' miżuri li jemendaw, jissostitwixxu jew jibnu fuq dawk l-atti tal-UE li r-Renju Unit kien marbut bihom matul is-sħubija.

X'inhuma l-konsegwenzi għas-sajd?



Il-perjodu ta' tranżizzjoni jipprovdi ċarezza u prevedibbiltà billi **jestendi l-applikabbiltà tal-Politika Komuni tas-Sajd għar-Renju Unit** (u t-termini ta' ftehimiet internazzjonali rilevanti).

Ir-Renju Unit se jibqa' marbut bid-deċiżjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Huwa se jiġi kkonsultat fi stadji varji tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet annwali fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd tiegħu.

Fuq stedina mill-UE u sa fejn ikun permess mill-forum partikolari, **ir-Renju Unit jista' jattendi - bħala parti mid-delegazzjoni tal-UE - konsultazzjonijiet u negozjati internazzjonali bil-ħsieb li jħejji s-sħubija futura tiegħu** fil-fora internazzjonali rilevanti.

Parti V: SALDU FINANZJARJU

Il-provvedimenti finanzjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżguraw li kemm ir-Renju Unit kif ukoll l-UE jonoraw l-obbligi finanzjarji kollha mwettqa waqt li r-Renju Unit kien membru tal-UE.



Il-linji gwida tal-Kunsill Ewropew id-29 ta' April 2017:

Il-linji gwida tal-Kunsill Ewropew talbu **ftehim finanzjarju uniku** li jkopri l-baġit tal-UE, it-terminazzjoni tas-sħubija tar-Renju Unit mill-korpi jew l-istituzzjonijiet kollha stabbiliti mit-Trattati u l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit f'fondi u faċilitajiet speċifiċi relatati mal-politiki tal-Unjoni.

Is-saldu finanzjarju jkopri dawn il-punti kollha u jsalda l-kontijiet.

Il-prinċipji sottostanti tal-metodoloġija miftiehma:

1.

L-ebda Stat Membru m'għandu jħallas aktar jew jirċievi anqas minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.

2.

Jenħtieġ li r-Renju Unit iħallas is-sehem tiegħu tal-impenji li jkunu saru matul is-sħubija tiegħu.

3.

Ir-Renju Unit la għandu jħallas aktar u lanqas aktar kmieni milli kieku baqa' Stat Membru.

NOTA: Il-ftehim mhuwiex dwar l-ammont tal-obbligu finanzjarju tar-Renju Unit, iżda dwar kif għandu jiġi kkalkulat.

X'ġie miftiehem?

Il-metodoloġija maqbula tippermetti li jiġu onorati l-impenji konġunti kollha fir-rigward tal-baġit tal-UE (2014–2020), inklużi l-impenji pendenti fi tmiem l-2020 u l-obbligazzjonijiet li mhumiex ibbilanċjati b'assi.

Ir-Renju Unit se **jkompli jiggwarantixxi wkoll is-self magħmul mill-UE qabel l-irtirar tiegħu** u se jirċievi lura sehmu minn kwalunkwe garanzija mhux użata u rkupri sussegwenti wara l-attivazzjoni tal-garanziji għal self b'hal dan.

Fondi Fiduċjarji tal-UE u Faċilità Għar-Refuġjati fit-Turkija

▶ Ir-Renju Unit se jonora l-impenji pendenti kollha tal-Fondi Fiduċjarji tal-UE u l-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija.



Fond Ewropew għall-Iżvilupp

▶ Ir-Renju Unit se jibqa' parti għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u se jkompli jikkontribwixxi għall-ħlasijiet meħtieġa biex jiġu onorati l-impenji kollha relatati mal-11ax-il FEŻ attwali kif ukoll il-Fondi preċedenti.



Il-Bank Ċentrali Ewropew

▶ Il-kapital imħallas tar-Renju Unit fil-Bank Ċentrali Ewropew se jiġi rimborżat lill-Bank of England.



Il-Bank Ewropew tal-Investiment

▶ Il-kapital imħallas tar-Renju Unit fil-Bank Ewropew tal-Investiment se jiġi rimborżat bejn l-2019 u l-2030 iżda se jiġi sostitwit b'garanzija eżerċitabbli addizzjonali. Ir-Renju Unit se jżomm garanzija tal-istokk tal-operazzjonijiet pendenti tal-BEI mid-data tal-irtirar sa tmiem l-ammortizzament tagħhom.

Kif tikkalkula s-sehem tar-Renju Unit?

- Ir-Renju Unit se **jikkontribwixxi għall-baġit tal-2019 u l-2020** u s-sehem tiegħu se jkun perċentwal ikkalkulat bħallikieku baqa' Stat Membru. Għall-obbligi **ta' wara l-2020** is-sehem se jkun stabbilit bħala **proporzjon bejn ir-riżorsi proprji pprovduti mir-Renju Unit** fil-perjodu **2014–2020** u r-riżorsi **proprji mill-Istati Membri kollha** (inkluż ir-Renju Unit) fl-istess perjodu. Dan ifisser li r-ribass **tar-Renju Unit** huwa inkluż fis-sehem tar-Renju Unit.

X'inhu s-sehem tar-Renju Unit fil-ġid tal-UE (assi — bini u flus kontanti)?

- L-assi tal-UE jappartjenu għall-UE peress li l-UE għandha l-personalità ġuridika tagħha u l-ebda Stat Membru ma għandu l-ebda dritt għall-assi tal-UE. Madankollu, **il-parti tar-Renju Unit tal-obbligazzjonijiet tal-UE se titnaqqas permezz tal-assi korrispondenti**, minħabba li ma hemmx bżonn ta' obbligazzjonijiet ta' finanzjament li huma koperti mill-assi, għalhekk m'hemmx bżonn li r-Renju Unit jiffinanzjahom.

Għal kemm żmien se jibqa' jħallas ir-Renju Unit?

- Ir-Renju Unit se jibqa' jħallas **sakemm tkun tħallset l-aħħar obbligazzjoni fit-tul**. Ir-Renju Unit mhux se jkun meħtieġ iħallas aktar malajr milli kieku baqa' membru tal-UE. Iż-żewġ naħat jistgħu jaqblu ma' xi simplifikazzjoni.

Ir-Renju Unit se jħallas l-obbligazzjonijiet tal-pensjoni tas-servizz ċivili tal-UE?

- Ir-Renju Unit se jħallas **is-sehem tiegħu tal-finanzjament tal-pensjonijiet** u benefiċċji tal-impjegati akkumulati sal-aħħar tal-2020. Dan il-pagament se jsir meta jkun dovut, bħalma huwa l-każ għall-Istati Membri li jifdal.

Dan xi jfisser għall-proġetti u l-programmi tal-UE?

Il-proġetti u l-programmi kollha tal-UE se jiġu ffinanzjati kif previst skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali kurrenti (2014-2020).

Dan jipprovdi ċertezza lill-benefiċjarji kollha tal-programmi tal-UE, inklużi l-benefiċjarji tar-Renju Unit, li se jkomplu jibbenefikaw minn programmi tal-UE sal-għeluq tagħhom - barra minn strumenti finanzjarji approvati wara l-ħruġ..



Parti IV: Struttura ta' governanza


Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jinkludi l-arranġamenti istituzzjonali biex tiġi żgurata l-ġestjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-ftehim, inkluż mekkaniżmu xieraq għas-soluzzjoni tat-tilwim.



F'każ ta' tilwim dwar l-interpretazzjoni tal-Ftehim, se ssir konsultazzjoni politika inizjali f'**Kumitat Konġunt**. Jekk ma tinstab l-ebda soluzzjoni, kwalunkwe parti tista' tirreferi t-tilwima għal arbitraġġ vinkolanti. Id-deċiżjoni tal-**bord tal-arbitraġġ** se tkun vinkolanti fuq l-UE u r-Renju Unit. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, il-bord tal-arbitraġġ jista' jimponi pagament li għandu jitħallas lill-parti offiża. Madankollu, jekk ikun hemm kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-bord ikun obligat li jirreferiha lill-QtĠ-UE.



Jekk il-konformità tibqa' ma tiġix restawrata, il-Ftehim jippermetti lill-partijiet **jissospendu b'mod proporzjonali** l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ innifsu, ħlief għad-drittijiet taċ-ċittadini, jew partijiet minn ftehimiet oħra bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. Din is-sospensjoni hija suġġetta għal rieżami mill-bord tal-arbitraġġ.





Il-bord isib ksur

Il-parti li twettaq il-ksur għandha tikkonforma f'perjodu ta' żmien

Tilwima dwar it-tul ta' żmien raġonevoli: il-bord

Fi tmiem tal-perjodu raġonevoli, l-ilmentatur jista' jitlob lill-bord biex jiddeċiedi dwar il-konformità

Il-bord jikkonferma l-konformità

Il-bord jista' jimponi somma f'daqqa jew pagament ta' penali

Jekk il-parti li twettaq il-ksur ma tħallasx fi żmien **xahar**, jew tħallas iżda xorta tonqos milli tikkonforma ruħha wara **sitt xhur**, l-ilmentatur jista' jissospendi:

- kwalunkwe provvedimento tad-WA għajr il-Parti II

Tilwima dwar il-konformità jew il-proporzjonalità ta' sospensjoni: il-bord jiddeċiedi

Ebda konformità

Il-bord jikkonferma l-konformità

Riżoluzzjoni ta'

PROTOKOLL DWAR L-IRLANDA/L-IRLANDA TA' FUQ

Għanijiet tal-Protokoll

- ▶ Biex ikun żgurat li ma **jkun hemm ebda fruntiera fiżika bejn I-Irlanda u I-Irlanda ta' Fuq.**
- ▶ Biex jiġi stabbilit l-impenn tar-Renju Unit li ma **jitnaqsux id-drittijiet skont il-Ftehim ta' Ġimgħa I-Kbira (Belfast) 1998**, u li **tiġi protetta l-kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar.**
- ▶ Biex jipprovdi għall-possibbiltà li l-**arranġamenti taż-Żona Komuni għall-livvjaġġar** kompli għaddejjin bejn I-Irlanda u r-Renju Unit, u jippreserva s-**Suq Uniku tal-Elettriku** fil-gżira tal-Irlanda.

In-negozjaturi tal-UE u tar-Renju Unit qablu dwar kif għandha tiġi evitata fruntiera fiżika bejn I-Irlanda u I-Irlanda ta' Fuq.


Iż-żewġ naħat se jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jikkonkludu ftehim futur qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Jekk dan ma jkunx il-każ, l-UE u r-Renju Unit jistgħu **jestendu l-perjodu ta' tranżizzjoni b'mod konġunt.**

Alternattivament, minn Jannar 2021, tapplika s-soluzzjoni ta' kontinġenza għall-Irlanda u I-Irlanda ta' Fuq, soġġetta għal mekkaniżmu ta' rieżami konġunt.

Dan il-ftehim huwa l-polza tal-assigurazzjoni li tigarantixxi li, tkun xi tkun iċ-ċirkostanza, mhu se jkun hemm l-ebda fruntiera fiżika bejn I-Irlanda u I-Irlanda ta' Fuq u li l-Ftehim tal-Ġimgħa I-Kbira (Belfast) 1998 se jkun protett fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, u l-ekonomija fil-gżira kollha.

TLIET GĦAŻLIET BIEX TIĠI EVITATA FRUNTIERA FIŻIKA WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI



X'inhu t-Territorju Doganali Uniku?

Dan jinkludi t-territorju doganali tal-UE u t-territorju doganali tar-Renju Unit.

Dan ifisser li, fix-xenarju fejn il-“soluzzjoni ta' kontinġenza” tkun tapplika:

1. ir-Renju Unit se **jallinja t-tariffi u r-regoli applikabbli għat-territorju doganali tiegħu** mat-tariffi esterni tal-UE u r-regoli ta' oriġini;

2. mhux se jkun hemm **ebda tariffa, kwota u verifika dwar ir-regoli ta' oriġini** bejn I-UE u r-Renju Unit, bl-eċċezzjoni ta' **prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;**

3. I-UE u r-Renju Unit qablu fuq **impenji ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni** u mekkaniżmi ta' infurzar xierqa biex jiżguraw kompetizzjoni ġusta bejn I-UE27 u r-Renju Unit.


4. L-Unjoni għandha **tapplika l-politika tagħha ta' difiża kummerċjali u Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi** għaż-żewġ partijiet tat-Territorju Doganali Uniku; għandha tikkonsulta mar-Renju Unit dwar kwalunkwe miżura jew azzjoni li huwa jqis li jrid jieħu.

L-arranġamenti dwar is-sajd se jiġu nnegozjati bħala parti mis-sħubija kumplessiva futura.


L-UE u r-Renju Unit se jagħmlu nilithom kollha biex jaqblu dwar ftehim dwar is-sajd u l-akkwakultura sal-1 ta' Lulju 2020.

Kundizzjoni essenzjali biex dan it-Territorju Doganali Uniku jkopri l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tkun li jintlaħaq qbil dwar l-aċċess għall-ilmijiet u l-opportunitajiet tas-sajd.

- Awtoritajiet Veterinarji / Fitosanitarji (SPS - BIP)
- Awtoritajiet tas-sigurtà



Id-dwana b'kooperazzjoni ma'



Awtoritajiet tas-Sorveljanza tas-Suq

Verifiki tas-Sigurtà u s-Sikurezza FUQ IL-FRONTIERA

- Dikjarazzjonijiet ta' qabel il-wasla għall-verifiki tas-sigurtà ("bomba fil-kaxxa")
- Annimali ħajjin
- Prodotti mill-annimali
- Prodotti sekondarji tal-annimali li mhumiex maħsubin għall-konsum mill-bniedem
- Kunsinni personali ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali
- Oġġetti tal-kċina tal-plastik miċ-Ċina u minn Hong Kong
- Frott u ħxejjex friski
- Ikel b'riskju għoli u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali
- Okra, weraq tal-kari mill-Indja
- Ross ĠM mhux awtorizzat fi prodotti tar-ross miċ-Ċina
- Ikel u għalf minn Fukushima
- Gomma tal-gwar mill-Indja
- Saħħa tal-pjanti
- Ġlud bil-pil ta' ċerti speċi ta' annimali li joriġinaw minn pajjiżi li jużaw nases li jaqdbu mis-saqajn
- Speċijiet aljeni invażivi

Kontrolli finanzjarji FL-UFFIĊĠJU DOGANALI TAL-IMPORTAZZJONIJIET

- Verifiki bbażati fuq ir-riskju fuq il-bażi ta' dikjarazzjonijiet doganali għall-oġġetti kollha mqiegħda taħt proċedura doganali (Kodiċi Doganali tal-Unjoni)
- Klassifikazzjoni tal-oġġetti
- **Oriġni-/ Prova ta' status ta' ċirkolazzjoni libera**
- Valur doganali
- **Dazji doganali**
- VAT
- Sisa

Sorveljanza tas-Suq FL-UFFIĊĠJU DOGANALI TAL-IMPORTAZZJONIJIET

- Għal prodotti industrijali
- Verifiki bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju, sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, deċiżjoni mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, rifjut, jew awtorizzazzjoni għar-rilaxx
- Jiġi żgurat li jitqiegħdu biss prodotti konformi fis-suq tal-Unjoni (ir-Regolament (KE) Nru 765/2008)
- 68 strumenti legali li jarmonizzaw ir-regoli tal-UE dwar prodotti li mhumiex tal-ikel (eż. l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur, is-sikurezza tal-ġugarelli, is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, il-markar CE, l-Ekotikketta tal-UE, l-oġġetti pirotekniki, l-esplożivi għal użi ċivili, it-tagħmir ta' protezzjoni personali)
- Regoli speċifiċi dwar il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u għall-użu veterinarju

L-Unjoni Doganali



European Commission

L-Irlanda ta' Fuq se tibqa' allinjata mar-regoli u r-regolamenti tal-UE?

Fix-xenarju fejn il-“soluzzjoni ta' kontinġenza” tkun applika, ir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq se jżomm allinjament regulatorju speċifiku mal-UE.

Biex tiġi evitata fruntiera fiżika fil-gżira tal-Irlanda, u biex jiġi żgurat li n-negozji tal-Irlanda ta' Fuq jistgħu jgħibu prodotti fis-Suq Uniku tal-UE mingħajr restrizzjoni, l-Irlanda ta' Fuq se tibqa' allinjata ma' sett limitat ta' regoli tal-UE li huma indispensabbli biex tiġi evitata fruntiera fiżika, jiġifieri:

leġiżlazzjoni dwar il-VAT u s-sisa fir-rigward tal-oġġetti

leġiżlazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-prodotti

regoli sanitarji għall-kontrolli veterinarji (“regoli SPS”)

regoli dwar il-produzzjoni / il-kummerċjalizzazzjoni
agrikola

regoli dwar l-għajjuna mill-Istat

Il-Kodiċi Doganali tal-UE se jkompli japplika wkoll fl-Irlanda ta' Fuq fil-kuntest ġenerali tat-Territorju Doganali Uniku bejn l-UE u r-Renju Unit.

Kif se taħdem il-miżura ta' garanzija ta' kontinġenza bejn il-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq?

Sabiex jiġi żgurat li n-negozji tal-Irlanda ta' Fuq jistgħu jgħibu prodotti fis-Suq Uniku tal-UE bla restrizzjonijiet u bla verifiki fil-fruntiera bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq, ikun hemm bżonn ta' verifiki fuq prodotti li jivvjaġġaw mill-bqija tar-Renju Unit lejn l-Irlanda ta' Fuq.

Se jkun hemm bżonn ta' xi verifiki tal-konformità mal-istandards tal-UE, konsistenti mar-riskju, biex jiproteġu lill-konsumaturi, il-kummerċjanti ekonomiċi u n-negozji fis-Suq Uniku.

L-UE u r-Renju Unit qablu li jwettqu dawn il-verifiki bl-anqas mod intrużiv possibbli. L-iskala u l-frekwenza tal-verifiki jistgħu jkomplu jitnaqqsu permezz ta' ftehimiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit.

PROĊESSI DEĊENTRALIZZATI



MINN LIVERPOOL...

- ✓ Dikjarazzjoni onlajn, eż. transit (bil-quddiem)

VERIFIKI

Għal prodotti industrijali:
Barcode (Numru ta' Referenza tal-Movement) isskenjat fil-port ta' transit jew matul il-qsim tal-bastiment

VERIFIKI SISTEMATIĊI BISS FIL-PORTIJET U FL-AJRUPORTI TAL-IRLANDA TA' FUQ

Għal annimali ħajjin, pjanti u prodotti li ġejjin mill-annimali:
Verifiki sanitarji u fotosanitarji

...LEJN BELFAST

- Verifiki fid-destinazzjoni:
- ✓ Verifiki bbażati fuq ir-riskju fil-post tad-destinazzjoni*
 - ✓ Verifiki tal-konformità regolatorji mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq meta l-merkanzija titqiegħed fis-suq

*Analiżi tar-riskju bbażat fuq qsim ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti biex fil-fruntiera jitwaqqfu aħjar oġġetti mhux konformi

Dawn il-proċessi se:



Jipproteġu l-konsumaturi minn prodotti mhux siguri



Jiggarantixxu s-saħħa pubblika u s-saħħa tal-annimali



Jipprevjenu l-frodi u t-traffikkar ta' oġġetti illegali

X'miżuri ta' "kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni" ġew miftiehma?

L-interkonnettività ekonomika u l-prossimità ġeografika

huma elementi ewlenin li jridu jitqiesu meta jkun qed jiġi rregolat il-funzjonament tajjeb tal-kompetizzjoni **miftuħa u ġusta** fit-territorju doganali uniku bejn l-UE u r-Renju Unit.

Il-Protokoll jorbot lir-Renju Unit għal

regoli sostantivi, ibbażati fuq standards tal-UE u dawk internazzjonali, **mekkaniżmi adegwati għall-implimentazzjoni**, kif ukoll






infurzar u mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim.

Il-provvedimenti dwar l-ambjent, ix-xogħol u l-protezzjoni soċjali huma bbażati fuq

il-prinċipju ta' non-rigressjoni mil-livelli kurrenti ta' protezzjoni skont l-istandards tal-UE u dawk internazzjonali;

l-allinjament dinamiku japplika għall-għajnuna mill-Istat.



Miżuri ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni	Regoli sostantivi	Infurzar fir-Renju Unit	Soluzzjoni għat-tilwim
<p>GĦAJNUNA MILL-ISTAT li tolqot n-negozju UE / Irlanda ta' Fuq li tolqot n-negozju UE / Gran Brittanja</p> 	Allinjament dinamiku mar-regoli tal-UE	Il-Kummissjoni Ewropea	Il-QtĠ-UE
	Allinjament dinamiku mar-regoli tal-UE	Awtorità indipendenti tar-Renju Unit	Kumitat Konġunt u arbitraġġ
<p>KOMPETIZZJONI</p> 	Tirrifletti l-liġi tal-UE u marbuta mal-evoluzzjoni tagħha	Awtorità indipendenti tar-Renju Unit	Kumitat Konġunt u arbitraġġ dwar l-infurzar tar-Renju Unit
<p>TASSAZZJONI</p> 	Impenn għal governanza tajba fil-qasam tat-taxxa	L-awtoritajiet tar-Renju Unit	Il-Kumitat Konġunt
	"Iffriżar" tal-liġi tar-Renju Unit li timplimenta tliet direttivi*		Kumitat Konġunt u arbitraġġ
	Ir-Renju Unit jimpenja ruħu għall-Kodiċi ta' Kondotta		Il-Kumitat Konġunt
<p>AMBJENT</p> 	Non-rigressjoni "iffriżar" ta' miri kwantitattivi għall-2030	Awtorità indipendenti tar-Renju Unit	Kumitat Konġunt u arbitraġġ dwar l-infurzar tar-Renju Unit
<p>XOGĦOL U STANDARDS SOĊJALI</p> 	Non-rigressjoni	L-awtoritajiet tar-Renju Unit	Kumitat Konġunt u arbitraġġ dwar l-infurzar tar-Renju Unit

Miżuri ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni (1/5)

GĦAJNUNA MILL-ISTAT

Żewġ sitwazzjonijiet: **A:** L-għajnuna taffettwa n-negozju bejn l-UE u l-Irlanda ta' Fuq - **B:** L-għajnuna taffettwa n-negozju bejn l-UE u l-Gran Brittanja

REGOLI SOSTANTIVI

Ir-Renju Unit japplika bis-sħiħ ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat.

Allinjament dinamiku.



INFURZAR FIR-RENJU UNIT

A: Mhemmx bżonn: Il-Kummissjoni Ewropea tkompli tinforza r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat direttament bħala parti mis-soluzzjoni ta' garanzija ta' kontinġenza jekk din tkun tapplika. Il-QtĠ-UE tibqa' kompetenti.

B: Ir-Renju Unit għandu jistabbilixxi awtorità ta' infurzar indipendenti, bl-istess setgħat tal-Kummissjoni Ewropea u taħt ir-rieżami tal-qrati nazzjonali tar-Renju Unit. Proċedura ta' kooperazzjoni bejn l-awtorità indipendenti u l-Kummissjoni Ewropea. Din tal-aħħar se jkollha wkoll status ġuridiku quddiem il-qrati tar-Renju Unit.

RIŻOLUZZJONI TA' TILWIM

A: Mhemmx bżonn, minħabba l-kontroll tal-Kummissjoni Ewropea u tal-QtĠ-UE.

B: Mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim, inkluż arbitraġġ b'rinviju lill-QtĠ-UE, u sanzjonijiet. Possibbiltà li jiġu adottati miżuri interim.

Miżuri ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni (2/5)

KOMPETIZZJONI (għajr l-għajnuna mill-Istat)

REGOLI SOSTANTIVI

Replika ta' regoli tat-TFUE dwar:

- ftehimiet distortivi,
- abbuż ta' dominanza,
- monopolji

Normi ekwivalenti dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet

L-*acquis* tal-UE u l-każistika bħala sorsi ta' interpretazzjoni

Ir-rekwiżit li jiġu rrispettati l-istandards internazzjonali dwar Intrapriżi tal-Istat u li jiġi żgurat n-nondiskriminazzjoni tar-regolazzjoni.

INFURZAR FIR-RENJU UNIT

Rekwiżit għat-traduzzjoni tar-regoli tat-TFUE fil-liġi domestika u l-eżistenza ta' awtorità tal-infurzar tal-kompetizzjoni domestika indipendenti (= illum, CMA) u sistema ta' sfiħarriġ ġudizzjarju.

Rekwiżit li jkun hemm monitoraġġ u infurzar effettiv tal-obbligi.



RIŻOLUZZJONI TA' TILWIM

Regoli sostantivi soġġetti għar-riżoluzzjoni ta' tilwim fi ħdan il-Kumitat Konġunt, esklużi mill-arbitraġġ.

Riżoluzzjoni ta' tilwim b'arbitraġġ dwar l-impenn tar-Renju Unit għall-monitoraġġ u l-infurzar.

Miżuri ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni (3/5)

TASSAZZJONI

IMPENN

Klawżola ta' governanza tajba fil-kwistjonijiet tat-taxxa u implimentazzjoni tal-istandards tat-taxxa globali/OECD BEPS.

Ir-Renju Unit jafferma mill-ġdid l-impenn biex jitrażżnu l-miżuri dannużi ta' tassazzjoni u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-tassazzjoni tan-negożji.

Ir-Renju Unit ikompli japplika l-liġi domestika li tittrasponi d-Direttivi tal-UE dwar: l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa; regoli kontra l-evitar tat-taxxa; u rapport għal kull pajjiż minn istituzzjonijiet ta' kreditu/ditti ta' investiment.

INFURZAR FIR-RENJU UNIT

L-applikazzjoni ta' prinċipji ta' governanza tajba fil-kwistjonijiet tat-taxxa fit-tfassil tal-politika mill-awtoritajiet tar-Renju Unit.

L-applikazzjoni ta' prinċipji tal-Kodiċi ta' Kondotta fil-kwistjonijiet tat-taxxa fit-tfassil tal-politika mill-awtoritajiet tar-Renju Unit.

L-applikazzjoni ta' provvedimenti leġiżlattivi definiti b'mod preċiż tiġi bil-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni domestiku tas-soltu (mill-awtoritajiet tat-taxxa tar-Renju Unit).



RIŻOLUZZJONI TA' TILWIM

Il-kwistjonijiet kollha relatati mal-klawżola ta' governanza tajba fil-kwistjonijiet tat-taxxa u l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta Igħandhom jiġu diskussi fil-Kumitat Konġunt

Riżoluzzjoni sħiħa ta' tilwim, inkluż arbitraġġ dwar l-applikazzjoni tar-Renju Unit ta' provvedimenti miżmuma tal-liġi domestika li jittrasponu d-Direttivi tal-UE (inkluż b'referenza għall-QĠUE).

Miżuri ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni (4/5)

AMBJENT

REGOLI SOSTANTIVI

In-non-rigressjoni - ebda tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni taħt l-istandards tal-UE fi tmiem it-tranżizzjoni fl-oqasma ewlenin kollha.

Ir-rispett tal-prinċipji ambjentali ewlenin , inkluż il-prinċipju ta' prekawzjoni, il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas".

Miri speċifiċi bbażati fuq il-liġi tal-UE għal oqasma ewlenin, pereżempju emissjonijiet industrijali, limiti ta' livell massimu nazzjonali tal-emissjonijiet.

Miżuri meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-impenji taż-żewġ partijiet għall-ftehimiet internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi.

Ir-Renju Unit se jimplimenta sistema ta' pprezzar tal-karbonju effettiva mill-anqas daqs l-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet għal kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

INFURZAR FIR-RENJU UNIT

L-impenn tar-Renju Unit għal infurzar effettiv tal-impenn ta' non-rigressjoni u tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki tiegħu li jirriflettu l-istandards komuni.

L-impenn tar-Renju Unit għaż-żamma ta' proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji effettivi u ta' rimedji effettivi.

Ir-Renju Unit għandu jistabbilixxi korp domestiku indipendenti b'setgħat ta' monitoraġġ, rapportar, sorveljanza u infurzar tal-impenji ambjentali tiegħu, ekwivalenti għal dawk tal-Kummissjoni.

RIŻOLUZZJONI TA' TILWIM

Regoli sostantivi soġġetti għar-riżoluzzjoni ta' tilwim fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

Riżoluzzjoni sħiħa ta' tilwim inkluż arbitraġġ dwar l-effettività tas-sistema ta' infurzar tar-Renju Unit biex jintlaħqu l-impenji ta' non-regressjoni u dwar it-twaqqif u t-tmexxija tal-korp indipendenti.



Miżuri ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni (5/5)

ĦARSIEN SOĊJALI U TAX-XOGĦOL

IMPENN

In-non-rigressjoni - it-tnaqqis tal-livell ta' ħarsien taħt l-istandards tal-UE fi tmiem it-tranżizzjoni fil-qasam tal-ħarsien tax-xogħol u soċjali u b'rabta mad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u l-istandards tal-impjeg, id-drittijiet tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni fil-livell tal-kumpaniji u r-ristrutturar.

L-impenn għall-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u tal-Karta Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa.

INFURZAR FIR-RENJU UNIT

L-impenn tar-Renju Unit għal infurzar effettiv tal-impenn ta' non-rigressjoni u tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki tiegħu li jirriflettu l-istandards komuni

L-impenn tar-Renju Unit għaż-żamma ta' sistema effettiva ta' spezzjonijiet tax-xogħol, proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji effettivi u ta' rimedji effettivi.



RIŻOLUZZJONI TA' TILWIM

Regoli sostantivi soġġetti għar-risoluzzjoni ta' tilwim fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

Risoluzzjoni sħiħa ta' tilwim inkluż arbitraġġ dwar l-effettività tas-sistema ta' infurzar tar-Renju Unit biex jintlaħqu l-impjenji ta' non-regressjoni

Mekkaniżmu ta' rieżami

Jekk fi kwalunkwe żmien wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE jew ir-Renju Unit iqisu li dan il-Protokoll, kollu kemm hu jew parti minnu, m'għadux meħtieġ, din il-parti tista' tinnotifika lill-parti l-oħra, billi tispjega r-raġunijiet tagħha.

Il-Kumitat Konġunt se jikkunsidra n-notifika u jista' jitlob opinjoni mill-istituzzjonijiet maħluqa mill-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira (Belfast) 1998.

Wara diskussjonijiet fil-Kumitat Konġunt, l-UE u r-Renju Unit jistgħu jiddeċiedu b'mod konġunt li l-Protokoll, kollu kemm hu jew parti minnu, m'għadux meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

X'fih aktar il-Protokoll lil hinn mill-“garanzija ta’ kontinġenza”?

Il-Protokoll dwar l-Irlanda u l-Irlanda ta’ Fuq fih dispożizzjonijiet li jindirizzaw għadd ta’ ċirkostanzi uniċi oħra fil-gżira tal-Irlanda, b’mod partikolari:

IŻ-ŻONA KOMUNI GĦALL-IVVJAĠĠAR BEJN L-IRLANDA U R-RENJU UNIT	L-IMPENN TAR-RENJU UNIT LI MA JITNAQQSUX ID-DRITTIJET, IS-SALVAGWARDJI U L-OPPORTUNITAJIET INDAQS	IS-SUQ ELETTRIKU UNIKU	IL-KOOPERAZZJONI BEJN IT-TRAMUNTANA U N-NOFSINHAR
<p>u d-drittijiet u l-privileġġi assoċjati tagħha jistgħu jkomplu japplikaw f’konformità mal-liġi tal-UE, b’mod partikolari dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE.</p>	<p>kif stipulat fil-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira (Belfast) 1998, inkluż fir-rigward tal-liġi tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni. Dan l-impenn se jiġi implimentat u ssorveljat permezz ta’ mekkaniżmi ddedikati.</p>	<p>jista’ jiġi ppreservat fuq il-gżira tal-Irlanda.</p>	<p>tista’ tkompli, inkluż fl-oqsma tal-ambjent, is-saħħa, l-agrikoltura, it-trasport, l-edukazzjoni u t-turiżmu, kif ukoll fl-oqsma tal-enerġija, it-telekomunikazzjonijiet, ix-xandir, is-sajd intern, il-ġustizzja u s-sigurtà, l-edukazzjoni għolja u l-isport.</p>

Protokoll dwar iż-Żoni ta' Bażi Sovrana (SBAs) f'Ċipru

- ▶ Il-Protokoll iħares l-interessi ta' Ċiprijotti li jgħixu u jaħdmu fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.



L-għan tal-Protokoll huwa li jiżgura li l-liġi tal-UE, fl-oqsma stipulati fil-Protokoll 3 għall-Att tal-Adeżjoni ta' Ċipru, tkompli tapplika fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana, bla ebda interruzzjoni jew telf ta' drittijiet **speċjalment għall-eluf ta' ċittadini Ċiprijotti li jgħixu u jaħdmu fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana.**

Dan japplika għal għadd ta' oqsma ta' politika bħalma huma **d-dwana, it-tassazzjoni, il-merkanzija, l-agrikoltura, is-sajd u r-regoli veterinarji u fitosanitarji.**

It-territorju taż-Żoni ta' Bażi Sovrana se jkompli jkun **parti mit-territorju doganali tal-Unjoni.** Il-merkanzija li tiġi prodotta fiż-Żoni ta' Bażi Sovrana se tkun ikkunsidrata bħala merkanzija f'ċirkolazzjoni libera fl-UE.

Il-Protokoll jikkonferixxi **r-responsabbiltà lir-Repubblika ta' Ċipru għall-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni** fir-rigward tal-parti l-kbira tal-oqsma koperti, bl-eċċezzjoni tal-aspetti relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra.

Protokoll dwar Ġibiltà

Il-linji gwida tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' April tal-2017 jistabbilixxu li *“ebda ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit ma jista' japplika għat-territorju ta' Ġibiltà mingħajr qbil bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit.”*

Bħala riżultat ta' negozjati bilaterali bejn Spanja u r-Renju Unit, il-Protokoll dwar Ġibiltà jifforma pakkett b'**memoranda ta' ftehim** bilaterali bejn Spanja u r-Renju Unit fir-rigward ta' Ġibiltà.

- ▶ **Il-Protokoll jipprovdi għal kooperazzjoni amministrattiva bejn Spanja u r-Renju Unit fir-rigward ta' Ġibiltà f'għadd ta' oqsma ta' politika matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, u dwar l-implimentazzjoni tal-parti tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.**

Dan jikkonċerna l-kooperazzjoni bilaterali dwar **id-drittijiet taċ-ċittadini, it-tabakk u prodotti oħra, l-ambjent, il-kwistjonijiet tal-pulizija u tad-dwana**, kif ukoll ftehim bilaterali fir-rigward tat-tassazzjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji.

Huwa stabbilit ukoll **kumitat speċjalizzat** sabiex jissorvelja l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

X'jgħid il-Ftehim dwar il-Ħruġ fuq in-negozjati dwar ir-relazzjonijiet futuri?

L-UE u r-Renju Unit se jagħmlu ħilithom kollha biex jinnegozjaw il-ftehimiet dwar ir-relazzjoni futura malajr kemm jista' jkun.

It-tnejn li huma jimpenjaw ruħhom li jaġixxu in *bona fede*.

L-għan komuni huwa li jiġi żgurat li ftehimiet bħal dawn japplikaw sa fejn ikun possibbli sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

L-użu tal-añjar sforzi għandu jirrispetta bis-sħiħ is-sistemi legali tal-UE u tar-Renju Unit.

Dan ifisser li n-negozjati se jibdew biss iadarba r-Renju Unit ikun ħareġ mill-UE.